**95. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġuże Cassar, jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lil Central Cement Limited is-sit fil-Birgu, deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Dequtati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment';

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-sit fil-Birgu, jiġi mogħti lil Central Cement Limited għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijet imsemmija fl-abbozz imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

08.07.1983